MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2007

Appell Civili Numru. 603/2001/1

**Corunato sive Coronato Muscat**

**v.**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti:**

## I. IS-SENTENZA APPELLATA

1. Dan huwa appell minn sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Lulju 2003 fil-

kawza fl-ismijiet premessi li biha dik il-Qorti laqghet in parte it-talba tar-rikorrent Corunato sive Coronato Muscat u b'hekk iddikkjarat li xi proprjeta` li giet specifikata mill-istess Qorti u li kienet ikkonfiskata waqt u b'effett ta' proceduri kriminali mehuda kontra l-istess rikorrent minhabba kultivar u tmexxija tad-droga, ma kenitx inkisbet minnu minhabba u b'rizultat ta' dak l-ghemil li ghalih kien instab hati, u ghalhekk dik il-Qorti ordnat it-thassir ta' l-istess konfiska fil-konfront ta' l-istess proprjeta`. Ghal ahjar intendement ta' dan l-appell din is-sentenza sejra tigi riportata hawnhekk kollha kemm hi:

"**Il-Qorti:**

"Rat ir-Rikors imressaq fl-10 ta' April, 2001, li bih ir-rikorrent, għar-raġunijiet hemm imsemmija, talab li l-Qorti tiddikjara li l-ħwejjeġ mobbli, immobbli u flejjes tiegħu li kienu konfiskati waqt u b'effett ta' proċeduri kriminali meħuda kontrih minħabba koltivar u tmexxija ta' droga, ma nkisbux minnu minħabba u b'riżultat ta' dak l-għamil li għalih instab ħati, u għalhekk għandha tordna t-tħassir ta' l-istess konfiska;

"Rat is-sbatax-il (17) dokument mehmużin ma' l-imsemmi Rikors;

"Rat illi l-intimat, notifikat kif imiss fl-10 ta' Mejju, 2001, b'kopja tar-Rikors u bl-Avviż tas-Smigħ[1], naqas li jressaq Tweġiba għat-talba tar-rikorrent fiż-żmien mogħti lilu mil-liġi, u kif ukoll li jidher quddiem il-Qorti kull meta r-rikors issejjaħ;

"Semgħet ix-xhieda tar-rikorrent;

"Rat l-atti kollha tal-kawża, magħduda n-Nota mressqa mir-rikorrent fis-7 ta' Frar, 2002, flimkien mas-seba' (7) dokumenti mehmużin magħha[2];

"Semgħet it-trattazzjoni ta' l-avukat tar-rikorrent;

[1] Paġ. 77 *tergo* tal-proċess
[2] Paġġ. 92 sa 119 tal-proċess

"Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mir-rikorrent fis-7 ta' Frar, 2002[3];

"Rat id-Degrieti tagħha tas-7 ta' Frar, 2002, tas-17 ta' Mejju, 2002, tal-4 ta' Lulju, 2002, tat-28 ta' Ottubru, 2002, u tal-20 ta' Marzu, 2003, li bihom ħalliet ir-Rikors għad-deċiżjoni dwar it-talba tar-rikorrent;

"***Ikkunsidrat:***

"Illi din hija azzjoni maħsuba taħt l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, li taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 22Ċ(1) tagħha jista' jintalab li ħwejjeġ persuna misjuba ħatja ta' reat kontra l-Ordinanza, ma jibqgħux iżjed hekk milquta bil-konfiska magħmula, jekk din turi li dawk il-ħwejjeġ ma jkunux profitt jew dħul minn għamil ta' reat jew ma jkunux miksuba, direttament jew indirettament, permezz ta' xi profitt jew dħul bħal dak;

"Illi, kif ingħad, l-intimat Kummissarju tal-Pulizija naqas li jwieġeb għat-talba tar-rikorrent, u lanqas ressaq xi għamla ta' sottomissjoni favur jew kontra t-talba, għalkemm irid jingħad li kull darba li r-rikorrent deher għas-smigħ, kien ikun taħt skorta ta' uffiċjal tal-Korp tal-Pulizija, peress li r-rikorrent għadu qiegħed jiskonta l-piena mogħtija lilu mill-Qorti kompetenti għar-reat li nsab ħati għalih;

"Illi għalhekk, il-Qorti trid tqis it-talba fuq il-provi miġjuba mir-rikorrent u fuq it-tifsir mogħti mid-dispożizzjoni speċjali tal-liġi li bis-saħħa tagħha ressaq it-talba tiegħu;

"Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>aspetti legali marbutin mal-każ</u> irid jingħad li l-proċedura speċjali maħsuba fl-artikolu taħt eżami hija waħda li tagħmel eċċezzjoni, fis-sens li tapplika meta persuna tkun instabet ħatja ta' reat kontra l-Ordinanza minn Qorti kompetenti, u għalhekk, ladarba tmur kontra x-xejra tad-dispożizzjonijiet ġenerali ta' l-istess liġi dwar il-konfiska tal-ġid ta' persuna li tikser l-Ordinanza, għandha tingħata tifsira f'termini stretti u mhux usa' minn dak li ried il-leġislatur. Ta' min jgħid ukoll li tali

[3] Paġġ. 120 sa 123 tal-proċess

proċedura tapplika għal ordni magħmul taħt l-artikolu 22(3A)(d) biss. Din id-dispożizzjoni tal-liġi titkellem dwar konfiska ta' flejjes u ġid, mobbli u kif ukoll immobbli, tal-persuna misjuba ħatja, kemm jekk jinsabu f'Malta kemm jekk barra minn Malta, ukoll jekk sal-waqt tas-sejbien tal-ħtija, tali ġid immobbli jkun għadda f'idejn terza persuna;

"Illi din il-proċedura, li ddaħħlet fis-sistema tagħna fl-1986, hija miftuħa kemm għall-persuna misjuba ħatja u kif ukoll għat-terza persuna li f'idejha l-immobbli jkun għadda, u trid tinbeda mhux iżjed tard minn tliet xhur minn meta s-sentenza li tkun ordnat il-konfiska ssir ġudikat[4]. Jekk wara smigħ sommarju kif preskritt fl-imsemmi artikolu[5] il-Qorti tasal għall-fehma li t-talba tar-rikorrent għandha tintlaqa' kollha jew f'xi parti minnha, il-ġid li jkun milqut b'dik id-deċiżjoni ma jibqax iżjed konfiskat u jintradd lura lir-rikorrent bis-saħħa tad-deċiżjoni nnifisha meta din issir ġudikat[6], u dik id-deċiżjoni favorevoli titqies bħala trasferiment tat-titolu ta' dak il-ġid lura mill-Gvern għal għand ir-rikorrent[7];

"Illi għalkemm il-liġi tgħid li l-konfiska sseħħ favur il-Gvern ta' Malta[8], u skond ma joħroġ mill-Artikolu 22(7) ta' l-istess Ordinanza, l-ordni tal-konfiska għandha s-saħħa ta' sentenza, il-liġi tgħid li l-leġittimu kontradittur fi proċedura bħal din huwa l-Kummissarju tal-Pulizija[9], li fuqu huwa mitfugħ id-dmir li jressaq it-tweġiba fi żmien ħmistax-il jum min-notifika lilu;

"Illi huwa evidenti wkoll li jaqa' fuq il-persuna li titlob it-tneħħija ta' l-ordni tal-konfiska li tressaq il-provi tagħha fi grad biżżejjed biex titwemmen li l-ġid li trid li jinħeles mill-konfiska ma kienx miksub minn flejjes jew qligħ marbutin minn profitt jew dħul min għamil ta' reat. Ladarba l-proċediment ġie maħsub mil-leġislatur li jinstama' minn Qorti ta' kompetenza ċivili u ladarba l-liġi nnifisha tgħid li dwar kull proċediment bħal dan japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' l-organiżżazzjoni u

[4] Art. 22Ċ(2) tal-Kap 101
[5] Art. 22Ċ(6) tal-Kap 101
[6] Art. 22D tal-Kap 101
[7] Art. 22Ċ(8) tal-Kap 101
[8] Art. 22(3) tal-Kap 101
[9] Art. 22Ċ(5) tal-Kap 101

Proċedura Ċivili[10] huwa naturali għalhekk li wieħed jistenna li l-grad ta' prova mressqa jkun wieħed li joqgħod għall-proċedimenti ta' natura ċivili u mhux dak rigoruż tal-proċediment penali;

"Illi mill-provi li joħorġu mill-atti tar-rikors jirriżulta li b'sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-appell Kriminali fit-23 ta' Jannar, 2001[11], ġiet konfermata sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti Kriminali tal-15 ta' Ottubru, 1997[12] fil-konfront tar-rikorrent li biha, fuq ammissjoni tiegħu, huwa nstab ħati ta' reati kontra l-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi. L-imsemmija sentenza ordnat il-konfiska ta' flejjes u ġid mobili u immobbli tar-rikorrent u dan ġie konfermat fis-sentenza tat-tieni grad. L-Att ta' l-akkuża[13] li dwaru r-rikorrent instab ħati jorbot il-ġrajjiet li dwarhom ġie akkużat għaż-żmien lejn il-bidu tal-1993 u l-bidu tal-1994. Mingħand ir-rikorrent inqabdu għadd ta' ħwejjeġ imsemmija f'atti tal-Qorti kompetenti[14];

"Illi f'Mejju tal-1969[15], ir-rikorrent daħal fl-Istati Uniti ta' l-Amerika u stabilixxa ruħu hemm. Kien jaħdem f'diversi oqsma hemmhekk ukoll[16] u jħallas it-taxxa debitament[17]. Matul iż-żmien li dam jgħix fl-Amerika, r-rikorrent kien fetaħ ukoll kontijiet f'banek jew istituzzjonijiet finanzjarji oħra hemmhekk. Kien jinżel Malta kultant, l-ewwel darba fl-1973, imma ma kienx idum hawn. Huwa niżel jgħix fil-Gżejjer Maltin għall-ħabta tal-1988, iżda baqa' jitla' l-Amerika minn żmien għal żmien, u kemm idum hemm kien jaħdem ukoll[18];

"Illi f'Malta, r-rikorrent kellu interessi f'kumpannija bl-isem Liko Catering Company Limited[19], reġistrata fi Frar tal-1988, li għadda nofshom lil terza persuna f'April ta' l-istess sena, meta l-istess kumpannija ngħatat b'subenfitewsi

[10] Art. 22Ċ(7) tal-Kap 101
[11] Dok "JG1", f'paġġ. 5-13 tal-proċess
[12] Dok "JG", f'paġġ. 3-4 tal-proċess
[13] Dok "A7", f'paġġ. 101 sa 112 tal-proċess
[14] Ara Dok f'paġġ. 114-9 tal-proċess
[15] Xhieda tar-rikorrent 5.7.2001, f'paġġ. 81-6 tal-proċess u Dok "A", f'paġ. 14 tal-proċess
[16] Ara Dok "F", f'paġġ. 21 sa 25 tal-proċess
[17] Ara Dok "G", f'paġġ. 26 sa 30 tal-proċess
[18] Xhieda tar-rikorrent 21.11.2001, f'paġ. 88-9 tal-proċess
[19] Ara Dok "N", f'paġġ. 50 sa 66 tal-proċess

perpetwa garaxx fil-Qbajjar, limiti taż-Żebbuġ, Għawdex, u meta l-istess rikorrent kiseb appartament li jiġi fuq l-imsemmi garaxx[20]. Ftit xhur wara, r-rikorrent kiseb ukoll s-subdirett dominju ta' l-imsemmi garaxx b'titolu ta' *datio in solutum*[21]. Matul l-1988 u għeluq l-1989, ir-rikorrent kiseb permess mill-awtoritajiet biex ibiddel il-beni hawn fuq imsemmi fi stabiliment kummerċjali[22]. F'April tal-1992, ir-rikorrent kiseb garaxx f'Marsalforn, bil-prezz ta' tlitt elef u ħames mitt lira Maltija (Lm 3,500) liema somma kellu jħallasha sa żmien sena mill-att[23];

"Illi meta l-Qorti tqabbel il-provi li r-rikorrent ressaq quddiemha ma' l-osservazzjonijiet magħmula minnha aktar qabel dwar dak li trid il-liġi in materja fi proċedura bħal din li għandha quddiemha llum, issib li r-rikorrent seħħlu juri li mhux kulma ġie maqbud fl-okkażjoni ta' l-eżekuzzjoni tal-proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu kien imnissel, direttament jew indirettament, minn qligħ jew dħul mill-għemmejjel li dwarhom eventwalment stqarr ħtijietu u ngħata piena. Il-Qorti ssejjes ħafna mill-piż ta' din il-fehma tagħha mat-termini ta' l-att ta' l-akkuża nnifisha, li torbot b'mod determinat ma' żmien speċifiku r-riżoluzzjoni (u għalhekk it-tnissil tal-fehma jew *mens rea*) tar-rikorrent biex jikkoltiva l-pjanti u biex jimpurta ż-żerriegħa tagħhom f'Malta. Tali żmien, fl-aktar parti 'l bogħod tiegħu, jibda fl-ewwel żminijiet tal-1993;

"Illi min-naħa l-oħra, r-rikorrent seħħlu juri li l-ħidma tiegħu barra minn Malta kienet waħda ħabrieka, li kienet irrendietlu dħul regolari li huwa dokumentat, u li f'xi żmien sewwa qabel beda l-perjodu inkriminanti wasslu biex kien ġemma f'depożiti bankarji ammonti ta' ċerta konsistenza[24]. Min-naħa l-oħra, r-rikorrent jindika seba' (7) kapi ta'ġid li huwa jgħid li qiegħed jitlob li titneħħa l-konfiska minn fuqhom. Dawn jikkonsistu fil-bini li jinsab fil-Qbajjar, Marsalforn; garaxx f'Marsalforn; sehemu mir-rikavat ta' bejgħ b'liċitazzjoni ta' fond fin-Nadur; vettura tal-għamla Suzuki Jeep, reġistrata C-6250; dgħajsa ta' l-

[20] Ara Dok "L", f'paġġ. 36 sa 38 tal-proċess
[21] Ara Dok f'paġġ. 39-40 tal-proċess
[22] Paġġ. 45-8 tal-proċess
[23] Ara Dok f'paġġ. 41-2 tal-proċess
[24] Ara d-Dok f'paġ. 33 tal-proċess

għamla *Swordfish;* u l-ishma li huwa għandu fil-kumpannija Liko Catering Company Limited; flimkien mal-liċenzi relattivi;

"Illi dwar il-kisba tal-fond immobbli miksuba fl-1988, il-Qorti ssib li ma hemm xejn xi jħasseb li l-kisba tagħhom kienet minn assi jew qligħ mill-attivita' li tagħha nstab ħati, u dan meħud kont iż-żmien meta nkisbu u l-fatt li, fis-sewwa, l-beni nkisbu b'"arranġamenti" oħrajn li ma kinux jinvolvu l-ħlas ta' korrispettiv fi flejjes kontanti. Dan li jingħad jgħodd ukoll għal-liċenza relattiva għat-tħaddim ta' l-istess stabiliment, billi dan huwa aċċessorju tal-fond u billi jidher li din ingħatat fi żmien qabel dak kopert bl-Att ta' l-akkuża. Dan kollu, madankollu, qiegħed jingħad bla ebda ħsara għad-dritt ta' l-intimat li jeżerċita d-diskrezzjoni mogħtija lilu mil-liġi dwar it-tiġdid tal-ħruġ ta' liċenza għall-post kummerċjali jew it-tħassir tagħha;

"Illi l-qagħda m'hijiex daqshekk ċara għar-rigward tal-garaxx miksub mingħand Emvic Limited f'April tal-1992, u li l-ħlas tal-prezz kien imħolli għal żmien sena mill-kuntratt. Minbarra li r-rikorrent naqas li juri meta ħallas il-prezz, iż-żmien li fih ir-rikorrent kiseb l-imsemmi immobbli huwa qrib sewwa ż-żmien milqut fl-Att ta' l-akkuża;

"Illi għal dak li jirrigwarda l-ishma tal-kumpannija Liko Catering Company Limited, din tidher li wkoll inbdiet fi żmien mhux suspett u fil-qafas ta' proġett li r-rikorrent u Liża Bonniċi kellhom biex jiftħu stabiliment kummerċjali fil-Qbajjar sewwasew fil-fond immobbli li jissemma hawn fuq. Il-provi dokumentali mressqin[25] jagħtu ħjiel li l-kumpannija kienet b'xi mod tmexxi l-fond imsemmi fl-attivita' indikata, għalkemm mhux b'suċċess kbir. Il-provi juru li għoxrin fil-mija (20%) biss ta' l-ishma maħruġa huma mħallsin. Ma tressqu l-ebda provi dwar l-attivita' tal-kumpannija wara l-1988. Minn dawn il-ftit fatti, l-Qorti tista' tgħid biss li ma rriżultax li l-kisba ta' l-ishma u t-twaqqif tal-kumpannija kienu jaqgħu f'attivita' marbuta maż-żmien li jirreferi għalih l-Att ta' l-akkuża jew li sar bi profitt jew qligħ iġġenerati mir-reati li dwarhom ir-rikorrent instab ħati;

[25] Ara Dok. "O" f'paġġ. 67 sa 74 tal-proċess

"Illi, hija l-fehma tal-Qorti li sehem ir-rikorrent mir-rikavat tal-bejgħ *sub hasta* tal-fond fin-Nadur m'huwiex ġid li r-rikorrent kiseb fit-termini ipprojbiti mill-Ordinanza. Sehem ir-rikorrent huwa r-riżultat ta' proċess ġudizzjarju miftuħ li fih kienu involuti bosta komproprjetarji u fejn il-parteċipazzjoni tar-rikorrent, għallanqas fl-aħħar parti tagħha, kienet għal kollox ininfluwenti. Dan minbarra li r-rikavat ġie depożitat fil-Qorti wara li kien inħareġ l-Att ta' l-akkuża, imma fil-mori tal-proċediment kriminali fl-istadju qabel ma ngħatat is-sentenza finali;

"Illi dwar il-vettura ta' l-għamla Suzuki Jeep, ir-rikorrent ma ressaq l-ebda prova dokumentali biex tixhed kif u meta nkisbet minnu. Huwa xehed[26] li, fl-1973, meta niżel lura Malta mill-Amerika għall-ewwel darba wara li kien emigra, kien ġab karozza miegħu. Dettalji oħra ma forniex. Jekk din kienet l-istess karozza li issa qiegħed jitlob ir-rilaxx tagħha, messu wera d-dokumenti (bħalma wera dokumenti oħrajn ta' żminijiet aktar 'il bogħod fuq ħwejjeġ oħrajn) li mqar urew li kien ġab dik il-vettura f'Malta hu stess jew li dik il-vettura kien kisibha kemm dam jgħix barra minn Malta. Minn dan kollu fl-att proċesswali ma jidher xejn u l-Qorti ma tistax għalhekk tqis li r-rikorrent wettaq il-piż tiegħu ta' prova suffiċjenti għall-finijiet ta' dawn il-proċeduri f'dan ir-rigward;

"Illi dwar l-i*speed-boat* tal-għamla Swordfish, ir-rikorrent ma ressaq l-anqas ħjiel ta' prova ta' meta nkisbet u kif inhi reġistrata. Fin-nuqqas, għalhekk, il-Qorti ma tistax tipprovdi dwarha;

"Illi mbagħad ir-rikorrent jagħmel riferenza ġenerika għall-ħwejjeġ mobili l-oħrajn kollha li kienu jinsabu fil-proprjetajiet ta' l-esponenti. Hawnhekk ukoll il-Qorti tisħaq li messu twettaq kif imiss il-piż li titressaq il-prova xierqa fit-termini tal-liġi. Ċertament, il-Qorti ma tistax taqbel mas-sottomissjoni tar-rikorrent li ladarba l-ordni tal-konfiska hija fil-liġi mfissra b'diċitura ġenerali, daqstant ieħor għandu jkun l-ordni li tneħħi l-effetti tal-konfiska minn fuq l-oġġetti

[26] Paġġ. 82-3 tal-proċess

hekk milquta. Kif ingħad diġa' din il-proċedura hija eċċezzjoni għan-normi ġenerali ta' konfiska maħsuba taħt l-Ordinanza in eżami, speċjalment meta tali konfiska tagħmel parti mill-piena li l-Qorti kompetenti tagħti f'każ ta' sejbien ta' ħtija. L-għan ta' din l-eċċezzjoni huwa biss dak li jeħles, wara d-debita prova, xi ġid ta' persuna rikorrenti li jkun inqabad bla mistħoqq taħt il-firxa wiesgħa tal-provvediment ta' l-ordni tal-konfiska. Ma hija mogħtija lill-parti rikorrenti l-ebda eżenzjoni mill-obbligu ta' prova speċifika. Minbarra dan, jekk wieħed iqis ukoll li l-ordni tal-konfiska kienet tinkludi ħwejjeġ mobbli marbutin direttament mar-reati li r-rikorrent instab ħati dwarhom, ikun kontro-sens li l-Qorti issa tintalab tagħti "ordni ġenerali" għar-rilaxx tagħhom fit-termini stretti li ordni bħal dan jista' jintlaqa';

"Illi dwar assi oħrajn, ir-rikorrent innifsu xehed li dwar kontijiet bankarji u flejjes ma kien qiegħed iressaq l-ebda talba, u lanqas jirriżulta li dawn issemmew speċifikatament fis-sottomissjonijiet magħmulin f'ismu mill-abbli difensur tiegħu;

"Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi, fil-kontumaċja ta' l-intimat:

"**Tilqa' t-talba tar-rikorrent** u tiddikjara li l-ġid hawn imsemmi ma huwiex profitt jew dħul minn għamil ta' reat taħt il-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta iżda dan b'riferenza biss għas-segwenti ġid tiegħu: u jiġifieri, għar-rigward tal-fond bl-isem "SeaCoast", Triq il-Qbajjar ġo Triq il-Bajja tax-Xwieni, fil-Qbajjar limiti ta' ż-Żebbuġ, Għawdex, bl-aċċessorji kollha tiegħu; għar-rigward l-ishma tar-rikorrenti fil-kumpannija Liko Catering Company Limited, u l-ġid ta' jew jeddijiet fuqu li l-istess kumpannija li jirriżulta talvolta tippossjedi; u għar-rigward tas-sehem tar-rikorrenti mir-rikavat imqiegħed taħt l-awtorita` tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Għawdex mill-bejgħ bl-irkant (numru. 13/99G) tal-fondi tmintax (18), dsatax (19) u għoxrin (20), Triq it-Tiġrija, Nadur;

"**Tordna għalhekk it-tħassir** limitatament dwar il-ġid hawn fuq imsemmi ta' l-ordni ta' konfiska magħmula mill-

Onorabbli Qorti Kriminali fis-sentenza tagħha tal-15 ta' Ottubru, 1997, u kif konfermat b'sentenza ta' l-onorabbli Qorti ta' l-appell Kriminali tat-23 ta' Jannar, 2001, fl-Atti ta' l-att ta' l-akkuża numru 3/96 fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta vs Corunato *sive* Coronato Muscat et", u tiċħadha għall-bqija tal-ġid konfiskat fl-ordni kif fuq imsemmi;

"**L-ispejjeż** jibqgħu mingħajr taxxa *bejn il-partijiet.*"

## II. L-APPELL

2. Ir-rikorrent Muscat hassu aggravat minn din is-sentenza u ghalhekk huwa intavola appell minnha quddiem din il-Qorti b'rikors ta' appellipprezentat minnu fit-23 ta' Lulju 2003. Ghar-ragunijiet indikati fih huwa talab li din il-Qorti joghogobha tbiddel is-sentenza fuq imsemmija, billi, filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti taghha fejn laqghet it-talba ghar-revoka ta' l-ordni ta' konfiska maghmula fil-konfront tieghu a tenur ta' l-Artikolu 22(3A) tal-Kapitlu 101 in kwantu din l-istess ordni ta' konfiska tolqot il-fond bl-isem "Sea Coast", fi Triq il-Qbajjar go Triq il-Bajja, tax-Xwieni, fil-Qbajjar limiti ta' z-Zebbug, Ghawdex, bl-accessorji kollha tieghu nkluz il-licenzja relattiva, l-ishma tar-rikorrent fil-kumpanija "Liko Catering Company Limited", u l-gid ta' jew jeddijiet fuqu li l-istess kumpanija jirrizulta li tippossjedi, u ghar-rigward tas-sehem tar-rikorrenti mir-rikavat imqieghed taht l-Awtorita` tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) mill-bejgh bl-irkant numru 13/99G, tirrevoka u thassar dik il-parti ta' l-istess sentenza fejn ma laqghetx it-talba tar-rikorrenti in kwantu l-ordni tal-konfiska kienet tikkoncerna l-garaxx f'Marsalforn miksub minghand is-socjeta` "Emvic Limited", il-vettura ta' l-ghamla "Suzuki Jeep" u konsegwentement tordna li anke dan il-garaxx u din il-vettura ma jibqghux izjed kolpiti bl-ordni ta' konfiska msemmija.

3. Il-Kummissarju tal-Pulizija ikkontesta l-appell b'risposta li giet intavolata fl-4 ta' Awissu 2003. Ghal ragunijiet spjegati fl-istess risposta, l-appellat Kummissarju tal-Pulizija irrileva li s-sentenza hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk talab lill-Qorti tichad l-appell interpost, bl-ispejjez.

**III. KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

4. Jirrizulta li l-appellant Muscat instab hati fil-proceduri Kriminali msemmija fir-rikors promotur ta' ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi. Huwa gie kkundannat ghall-piena karcerarja, ghal multa u gie ordnat ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' kull proprjeta`, mobbli u imobbli, ta' l-appellant. Bil-procedura odjerna l-appellant talab lill-Prim Awla tal-Qorti Civili li tiddikjara l-proprjeta` tieghu li giet konfiskata bhala konsegwenza tal-proceduri kriminali fuq imsemmija ma gewx akkwistati minn profitti jew dhul mill-ghemil ta xi reat kontra l-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement talab lil dik il-Qorti li tirrevoka l-imsemmija konfiska skond il-ligi.

5. Bis-sentenza ta' l-ewwel Qorti tat-3 ta' Lulju 2003 it-talba ta' l-appellant Muscat giet milqugha fil-konfront ta' proprjeta` li giet specifikata fl-istess sentenza izda l-ewwel Qorti ma laqghetx it-talba tieghu in kwantu l-ordni tal-konfiska kienet tikkoncerna l-garaxx miksub minghand is-socjeta` Emvic Limited, u l-vettura ta' l-ghamla Suzuki Jeep, u l-ispeed boat ta' l-ghamla Swordfish.

6. Fl-odjern appell l-appellant mhuwiex qieghed iressaq ebda aggravju fil-konfront ta dak li l-ewwel Qorti ddecidiet b'konnessjoni ma' l-ispeed boat imsemmija ta' l-ghamla Swordfish. Invece, huwa hassu aggravat mis-sentenza appellata in kwantu tikkoncerna l-imsemmi garaxx mixtri minghand is-socjeta` Emvic Limited u is-Suzuki Jeep.

7. L-appellant jikkritika l-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti dwar il-vettura Suzuki Jeep fuq il-bazi li dik il-Qorti erronjament ikkontendiet illi l-appellant kellu d-dover li jipprova li l-vettura kienet proprjeta` tieghu u li giet akkwistata u importata minnu. L-appellant jikkontendi li f'dawn il-proceduri specjali l-oneru kien jolqot biss il-provenjenza ta' dik il-proprjeta` u mhux it-titolu. L-appellant sahaq li kontrarjament ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti, fl-atti processwali hemm il-prova rikjesta f'dawn il-proceduri u cioe` li l-vettura ma gietx akkwistata mill-profitti illeciti jigifieri profitti li saru minn xi qliegh tar-reati li taghhom instab hati l-appellant.

8. Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti dana l-aggravju huwa gustifikat. L-ewwel Qorti, meta kkonkludiet li kellha tichad it-talba ta' l-appellant in kwantu kienet diretta ghal din il-vettura, kienet irriteniet hekk:
"Illi dwar il-vettura ta' l-għamla Suzuki Jeep, ir-rikorrent ma ressaq l-ebda prova dokumentali biex tixhed kif u meta nkisbet minnu. Huwa xehed[27] li, fl-1973, meta niżel lura Malta mill-Amerika għall-ewwel darba wara li kien emigra, kien ġab karozza miegħu. Dettalji oħra ma forniex. Jekk din kienet l-istess karozza li issa qiegħed jitlob ir-rilaxx tagħha, messu wera d-dokumenti (bħalma wera dokumenti oħrajn ta' żminijiet aktar 'il bogħod fuq ħwejjeġ oħrajn) li mqar urew li kien ġab dik il-vettura f'Malta hu stess jew li dik il-vettura kien kisibha kemm dam jgħix barra minn Malta. Minn dan kollu fl-att proċesswali ma jidher xejn u l-Qorti ma tistax għalhekk tqis li r-rikorrent wettaq il-piż tiegħu ta' prova suffiċjenti għall-finijiet ta' dawn il-proċeduri f'dan ir-rigward; "

9. Ghalkemm din il-Qorti normalment ma tiddisturbax l-apprezzament li tkun ghamlet l-ewwel Qorti dwar l-apprezzament tal-provi, madanakollu f'dan il-kaz din il-Qorti jidhrilha li tali apprezzament li sar mill-ewwel Qorti fir-rigward ta' din il-vettura kien manifestament skorrett. Dan ghaliex jidher car ghal din il-Qorti li l-ewwel Qorti waslet ghal dik il-konkluzjoni fuq il-bazi tax-xhieda ta' l-appellant stess li trinsab a fol. 82 u 83 tal-process. Hemmhekk l-appellant kien qieghed jghid, *inter alia* li ghall-habta tas-sena 1973 meta kien ghadu l-Amerika huwa kien xtara karozza u "fil-fatt fettilli nsuq u ninzel b'xi mod jew iehor biha lura lejn Ghawdex".

10. Jidher li l-ewwel Qorti ma tat l-ebda piz ghal dak li l-appellant xehed fl-istess seduta dwar il-vettura Suzuki Jeep. Infatti l-appellant jghid li huwa rega tela lura lejn l-Amerka fl-1974 u beda jahdem bi shab ma haddiehor fil-qasam tal-bini. Madanakollu, sakemm qabad sew dan in-negozju, huwa baqa' jaghmel xogholijiet bhala *handyman* kif kien imdorri jaghmel qabel. L-appellant kompla jghid li x-xoghol ma' siehbu qabad sewwa u dam madwar sena u

[27] Paġġ. 82-3 tal-proċess

nofs wara f'dan ix-xoghol. Mix-xiehda tieghu jirrizulta li huwa rega' nizel Malta izda ma tantx dam hawn u mill-gdid rega' tela' lejn l-Amerika. X'aktarx fl-istess sena li kien nizel fiha. Hawnhekk l-appellant ikompli jghid hekk:
"Peress illi konna ghaddejjin hafna tajjeb ix-xoghol fl-Amerika, niftakar darba kelli job partikolari u qlajna flat minn fuq s'isfel, ghamilna somma flus sabiha u jiena kont weghedt lit-tifel ta' hija illi b'dawn il-flus li kont dahhalt minn dan l-appalt malli ninzel Malta nixtri vettura kif imiss u fil-fatt jiena xtrajt Suzuki Jeep illi hija fil-fatt wahda mill-oggetti maqbuda u li tifforma l-mertu ta' dan ir-rikors." (enfasi mizjuda tal-Qorti)

11. Din x-xhieda ta' l-appellant tidher li giet prattikament injorata ghal kollox mill-ewwel Qorti. L-istess xhieda ma giet bl-ebda mod kontrodetta mill-appellat u din il-Qorti ma sabet xejn fil-process li jista' jindika li l-appellant ma kienx qieghed jixhed il-verita` meta huwa xehed kif xehed dwar din il-vettura. Naturalment, l-appellant seta' kien aktar preciz fix-xhieda tieghu u forna lill-Qorti b'dettalji ohra dwar ix-xiri ta' din il-vettura. Madanakollu, jidher li l-appellant issodisfa l-vot tal-prova rikjesta minnu f'dawn il-proceduri, aktar u aktar meta l-konvenut appellat x'aktarx kellu l-mezzi necessarji biex jivverifika jekk l-appellant kienx qieghed jixhed is-sewwa jew le fir-rigward ta' din il-vettura. Ghalhekk din il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni illi kontrarjament ghal dak li rriteniet l-ewwel Qorti l-appellant issodisfa l-vot tal-prova rikjesta minnu f'dawn il-proceduri u cioe` li din il-vettura Suzuki Jeep ma gietx akkwistata minnu minn profitti illeciti konessi mar-reati li taghhom instab hati, izda li din il-vettura giet akkwistata minn introjtu li huwa ghamel bil-hidma tieghu fl-Amerika.

12. It-tieni aggravju ta' l-appellant jikkoncerna l-garaxx f'Marsalforn li kien gie mixtri minnu minghand is-Socjeta` Emvic Limited fis-27 ta' April 1992, bil-prezz ta' tliet elef u hames mitt lira (Lm3,500), liema prezz kellu jithallas lis-socjeta` venditrici minghajr interessi, mhux aktar tard mid-data tal-kuntratt (ara kopja tal-kuntratt relattiv a fol. 41 tal-process).

13. L-ewwel Qorti kienet iddecidiet, referribbilment ghal fond immobbli miksub mill-appellant fl-1988, li ma kien hemm xejn xi jhasseb li l-kisba taghhom kienet minn assi jew qliegh mill-attivita` li taghha nstab hati l-appellant, u dan mehud kont taz-zmien meta nkisbu u tal-fatt li dawn il-beni nkisbu "b'arrangamenti" ohrajn li ma kienux jinvolvu hlas ta' korrispettiv fi flejjes kontanti. Izda meta giet biex tikkonsidra t-talba ta' l-appellant ghar-revoka tal-konfiska fuq il-garaxx meritu ta' l-aggravju in kwistjoni, l-ewwel Qorti rrimarkat hekk:
"Illi l-qagħda m'hijiex daqshekk ċara għar-rigward tal-garaxx miksub mingħand Emvic Limited f'April tal-1992, u li l-ħlas tal-prezz kien imħolli għal żmien sena mill-kuntratt. Minbarra li r-rikorrent naqas li juri meta ħallas il-prezz, iż-żmien li fih ir-rikorrent kiseb l-imsemmi immobbli huwa qrib sewwa ż-żmien milqut fl-Att ta' l-Akkuża; "

14. L-appellant jikkritika din il-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti sostanzjalment ghaliex mill-atti processwali u partikolarment mill-att ta' l-akkuza stess, mis-sentenzi tal-Qorti Kriminali kif ukoll mis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali minn imkien ma jirrizulta li l-appellant ghamel xi qliegh mir-reati lilu addebitati. Izid jghid li huwa nstab hati tar-reat tal-koltivazzjoni u importazzjoni u mhux traffikar tad-droga. L-appellant jghid li huwa kien stqarr li m'ghamel l-ebda qliegh mir-reati li taghhom instab hati u li dawn il-fatti, fil-fehma ta' l-appellant kienu juru "li l-probabbilita` hi li dan il-garaxx ma nxtarax minn flus provenjenti minn reati li bihom kien akkuzat". L-appellant kompla jissottometti illi huwa kien wera li kien dahhal somma ta' flus sostanzjali mix-xoghol tieghu fl-Amerika u li f'dak il-perjodu kien qieghed jiggestixxi u jopera Restaurant, fatti dawn li kienu jindikaw li huwa kellu l-mezzi finanzjarji sabiex jixtri dan il-garaxx.

15. Dan l-aggravju ta' l-appellant li qed isir fil-konfront tal-garaxx imsemmi ta' Marsalforn, fil-fehma ta' din il-Qorti ma jistax jintlaqa', bazikament ghaliex hija ma sabet l-ebda raguni gravi li bis-sahha taghha tista' validament tiddisturba id-diskrezzjoni uzata mill-ewwel Qorti dwar jekk l-appellant kienx issodisfa l-vot tal-prova rikjesta minnu f'dawn il-proceduri intizi ghar-revoka ta' l-ordni ta' konfiska

dwar il-garaxx in kwistjoni.  Kif sewwa qalet l-ewwel Qorti, il-garaxx imsemmi nxtara mill-appellant fi zmien qrib sewwa iz-zmien milqut fl-att ta’ l-akkuza.  In oltre l-fatt illi l-prezz ta’ l-akkwist ma thallasx mill-ewwel fuq l-Att izda kellu jithalla mhux aktar tard minn zmien sena mid-data ta’ l-akkwist sa certu punt jikkontradici dak li qed jghid l-appellant fir-rikors ta’ l-appell tieghu li huwa kellu ghad-disposizzjoni tieghu somma ta’ flus sostanzjali li kien qala’ bix-xoghol tieghu fl-Amerika u li f’dak il-perijodu kien qieghed jiggestixxi u jopera Restaurant.  Il-provi juru li dan l-ahhar imsemmi negozju dak iz-zmien ma kienx sejjer tajjeb.  Din il-Qorti fliet l-atti processwali u ma sabet l-ebda raguni valida bizzejjed biex twarrab fil-genb il-konvinciment ta’ l-ewwel Qorti ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha rigward il-garaxx in kwistjoni.

Ghal dawn il-motivi, tilqa’ in parte u fis-sens premess l-appell u ghalhekk tirrevoka s-sentenza appellata unikament fejn din cahdet it-talba ta’ l-appellant ghat-thassir ta’ l-ordni ta’ konfiska fil-konfront tal-vettura ta’ l-ghamla Suzuki Jeep, maghmula fis-sentenzi Kriminali citati fl-istess sentenza  ta’ l-ewwel Qorti, u minflok tilqa’ it-talba ta’ l-appellat kif unikament maghmula fil-konfront ta’ din il-vettura, u ghalhekk tirrevoka l-ordni ta’ konfiska fil-konfront ta’ l-istess vettura ta’ l-ghamla Suzuki Jeep, u tikkonferma s-sentenza appellata ghall-provvedimenti l-ohra kollha li nghataw fiha.

L-ispejjez ta’ dana l-appell ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------